# WERREJ

Qrempuċu u x-Xewk ........................................ 7
Il-Qanpiena tal-Wied ........................................ 25
Żewġ Kewkbiet ........................................ 45
Waslet ix-Xitwa ........................................ 64
Imsejken Żgiċċ ........................................ 79
It-Tliet Żrinġijiet ........................................ 95
Ir-Raġel tat-Tiben ........................................ 113
Il-Kelb tar-Razzett ........................................ 132
Iċ-Ċkejken Pitirross ........................................ 151
Pipa Tabakk ........................................ 170



# QREMPUĊU U X-XEWK

Bilfors kellhom isejħulu *Wied Peprina*! Ma setgħux isemmuh *Wied Ħurrieqa* jew *Wied Ġarġira*; u lanqas *Wied Ħubbejża* jew *Wied Narċisa*, għax l-ebda waħda minn dawn il-ħxejjex kollha ma kienet tikber bl-eluf daqs il-peprin. Ma' dħul ir-rebbiegħa, il-ġnieb kollha tal-wied kienu jfuru bil-peprin. Waħda ħdejn l-oħra, ras imb ras, sieq ħdejn sieq. U l-Bliebel u l-Buful, meta mill-għoli tas-sema kienu jaraw dik il-ħmura kollha, erħilhom jgħannu u jiftaħru li ma kienx hemm wied isbaħ minn Wied Peprina.

U dan il-wied tant kien isaħħrek bis-siġar kbar tal-ħarrub, il-qasab, l-għadira biż-

Żrinġijiet u l-ħofor, li ħafna u ħafna annimali kienu bnew id-dar tagħhom fih. Tnejn mill-aktar magħrufa kienu Qrempuċu, il-ġurdien il-kbir u ibnu Qrempuċellu. Qrempuċa, omm Qrempuċellu, kienet mietet għal għarrieda meta kienu għadhom joqogħdu fix-Xgħajra s-Safra meta Qrempuċellu kien għadu tat-twelid. Kien fettlilha toħroġ tnaqqar ftit qamħ f'lejla ta' dawl ta' qamar, lemħitha l-Kokka l-Kiefra, niżlet zoptu għal fuqha u belgħetha. Qrempuċu għadu sal-lum iħoss demmu jbaqbaq meta jiftakar. "Dażgur," kien jibda jtenni meta l-kliem jaqa' fuq din il-ġrajja, "kelli bżonn kont hemm jien, dak il-ħin! Kont naħtaf lill-Kokka bejn idejja, infajrilha daqqa ta' ponn bejn għajnejha u oħra fuq dik ir-ras ċatta li għandha, nilwilha għonqha u nnittfilha r-rix kollu ta' widnejha …" U hu u jgħid hekk, Qrempuċu kien tant jibda jgħaqqad il-ponnijiet u jitkerraħ, li Qrempuċellu kien jitwerwer u jmur jistaħba ġo ħofra sa ma missieru jgħaddilu u jikkalma.



Wara l-mewt ta' Qrempuċa, il-ġurdien il-kbir u l-ġurdien iż-żgħir marru joqogħdu f'Wied Peprina. Bnew dar taħt siġra tal-ħarrub, għamlu ġnien żgħir quddiem il-bieb u kienu kuntenti għall-aħħar.